

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tal-Kosta Rika, l-Iżrael, l-Italja, il-Ġappun, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja u l-Istati Uniti

(notifikata bid-dokument C(2013) 5160)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/429/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula li Stati Membri, pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ('pajjiżi jew reġjuni') għandhom ikunu kklassifikati skont l-istatus tagħhom tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina (BSE) f'waħda minn tliet kategoriji: riskju ta' BSE neglijabbli, riskju ta' BSE kkontrollat u riskju ta' BSE mhux stabbilit.
- (2) L-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE<sup>(2)</sup> jelenka l-pajjiżi jew ir-reġjuni skont l-istat tagħhom tal-BSE.
- (3) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali (OIE) għandha rwol ewlieni fil-kategorizzazzjoni ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tagħhom tal-BSE. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE tikkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 16 - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri - adottata mill-OIE f'Mejju 2012.
- (4) F'Mejju 2013, l-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 20 - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Pajjiżi Membri. Dik ir-Riżoluzz-

joni rrikonoxxiet il-Ġappun, l-Iżrael, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja u l-Istati Uniti bħala pajjiż li għandhom riskju neglijabbli ta' BSE u l-Kosta Rika bħala pajjiż li għandu riskju kkontrollat ta' BSE. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata biex issir konformi ma' dik ir-Riżoluzzjoni fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi.

- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/453/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.

ANNEX

"ANNEX

**LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI****A. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE***L-Istati Membri*

- Il-Belġju
- Id-Danimarka
- L-Italja
- Il-Pajjiżi l-Baxxi
- L-Awstrija
- Is-Slovenja
- Il-Finlandja
- L-Isvezja

*Il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles*

- L-Islanda
- In-Norveġja

*Il-pajjiżi terzi*

- L-Arġentina
- L-Awstralja
- Il-Brażil
- Iċ-Ċili
- Il-Kolombja
- L-Indja
- Iżrael
- Il-Ġappun
- In-New Zealand
- Il-Panama
- Il-Paragwaj
- Il-Perù
- Singapor
- L-Istati Uniti
- L-Urugwaj

**B. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE***L-Istati Membri*

- il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

*Il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles*

- Il-Liechtenstein
- L-Isvizzera

*Il-pajjiżi terzi*

- Il-Kanada
- Il-Kosta Rika
- Il-Messiku
- In-Nikaragwa
- Il-Korea t'Isfel
- It-Tajwan

**C. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE**

- Pajjiżi jew reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B.”
-